MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 224/2008

**Antonia Mangion(ID74126M) Charles Mangion(ID663750M) Catherine Balzan(ID490064M) Virgina sive Gina Sant (ID585859M) Joe Mangion**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tal-4 ta' April 2008 gew nominati deputati kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-interess ta' sidien innoti**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti datat 4 ta' Marzu 2008;

Rat id-dikjarazzjoni u l-elenku ta’ xhieda tal-atturi/rikorrenti u l-atti esebiti mal-istess;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 16 ta’ Mejju 2008 fejn eccepew li mhux edotti mill-fatti;

Rat ir-rikors ghall-korrezzjoni datat 9 ta’ Jannar 2009 u d-digriet fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat l-atti kollha esebiti mill-attur.

Rat in-nota atturi datata 25 ta’ Frar 2009 li biha rtiraw u cedew it-tielet talba atturi.

Rat ix-xhieda kollha prodotta minn fejn jirrizulta li l-fond Numru 223, Triq il-Kbira, Mosta jikkonsisti fl-ambjenti ndikati fix-xhieda tal-attur (affidavit Dok AM1 sa Dok AM5) u fir-rapport tal-Perit Tekniku Colin Zammit datat 5 ta’ Jannar 2009 (Dok AC2) liema valur huwa ta’ €110,000.

Rat li mill-atti jirrizulta li l-atturi ghandhom nofs indiviz tal-istess fond u ma huwiex kontestat li tali fond ma huwiex komodament divizibbli.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-provi mhux kontradetti, u l-ewwel u t-tieni talba atturi ghandhom jigu milqugha.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi , din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b’xi mod inkonsistenti ma’ dak hawn deciz, u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba atturi, peress li l-istess giet indikata b’nota datata 25 ta’ Frar 2009, tilqa’ t-talbiet atturi l-ohra fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

1) Tiddikjara li l-fond numru 223, Triq il-Kbira, Mosta mhux komodament divizibbli
2) Tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-fond mitejn tlieta u ghoxrin (223) Triq il-Kbira, Mosta

Bl-ispejjez jinqasmu bejn il-kontendenti, skont is-sehem taghhom fl-istess proprjeta' , b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-Ligi

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------